Minuti tal-14 il-laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar it-Tnejn 19 ta' Lulju, 2010. Il-laqgha nbdiet hin 4.30pm.

| Prezenti: | Membri: |
| --- | --- |
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

| Ufficjali: | |
| --- | --- |
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

1. **Approvazzjoni tal-Minuti tat-13 il-laqgha.**

1.1 Il-Minuti tat-13 il-laqgha gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

1.2 Dwar l-irrangar tal-grajjed tal-culvert fi Triq Frangisk Portelli is-Sindku spjega illi dan ix-xoghol ser isir min naha tal-Ministeru ghal Ghawdex kif indikat mid-Direttur Progetti u Zvilupp peress li din it-triq taqa' taht ir-responsabilita' tal-Ministeru.

1.3 Lisa Marie Brooke staqsiet jekk it-tappiera fi Triq Trux quddiem ir-residenza ta' Marija Vella gietx irrappurtata. Is-Sindku spjega illi giet irrappurtata it-tappiera ta' fuq il-bankina u giet irrangata. Ser tittiehed nota dwar it-tappiera tat-triq sabiex din titranga wkoll.

1.4 Il-Kunsill qabel li ghandha tigi irrappurtata hofra li tinsab fi Triq il-Knisja hdejn il-mithna.

1.5 Saret diskussjoni dwar sigar mal-faccati ta' diversi residenzi madwar il-lokalita'li qed jokkupaw il-bankini u xi drabi anke johorgu got-triq bil-konsegwenza li huma ta' inkonvenjent u periklu ghas-sewwieqa specjalment dawk bil-mutur. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tintbaghat ittra biex tingibed l-attenzjoni tal-MEPA dwar dawn is-sigar.

1.6 Lisa Marie Brooke gibdet l-attenzjoni dwar l-ghadd ta' citazzjonijiet li inghataw fi Triq Trux meta kuntrattur pogga it-tabelli ta' no parking u r-residenti ma kinux jafu bihom. Is-Sindku spjega illi mal-hrug tal-permess il-kuntrattur kien obbligat illi javza lir-residenti kollha. Spjega wkoll illi huwa talab lill-kuntrattur sabiex jaghmel tajjeb ghal dawn ic-citazzjonijiet moghtija peress li ma mexiex mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

1.7 Manuel Muscat qal li kien hemm ilmenti dwar ilma li nizel fi Triq Sdieri mill-hasil tal-festa.

1.8 Il-Kunsill iddiskuta is-sitwazzjoni tas-servizz tal-knis fil-lokalita' fejn il-Kunsill qabel li trid tinstab soluzzjoni peress illi fil-prezent ma hemmx bizzejjed kenniesa.

1.9 Raymond Cassar fakkar dwar il-qtugh tal-qasab fi Triq il-Madonna tal-Virtut.

1.10 Is-Sindku spjega illi fil-festa kellna ilmenti fir-rigward tal-karti tal-plastik mitfugha waqt il-festa.

**2. Progett ta' Wied il-Mielah – ERDF 022**

2.1 Inghata aggornament dwar l-istadju tax-xogholijiet relatati mal-progett.

2.2 Is-Sindku spjega illi hemm problema mal-WSC fir-rigward tax-xogholijiet tar-rising main peress li dawn baghtu lill-kuntrattur ghand il-Kunsill bil-varjazzjonijiet. Is-Sindku spjega illi it-*trenching permit* relatat ma giex imgedded sakemm tinstab soluzzjoni.

2.3 Is-Sindku spjega illi l-WSC iddecidiet li mhux ser tibdel il-main fi Triq Frenc ta' l-Gharb, ghalhekk it-trinka mhijiex ser issir.

2.4 Fir-rigward tal-offerti tal-provvista ta' pavimentar ghall-pjazza gie spjegat illi intalab skont lill-wiehed mill-kuntratturi li tefghu l-offerta.

2.5 Il-Kunsill qabel li ghandhom jinhargu il-kwotazzjonijiet ghall-plakka tal-irham ghal Wied il-Mielah, tabelli direzzjonali u jitwahhlu plakki fuq l-apparat mixtri mill-fondi tal-progett.

**3.0 Premju Lokalitajiet Indaf.**

3.1 Il-Kunsill iddiskuta il-partecipazzjoni tieghu taht Memo 73/2010 – Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf.

3.2 Il-Kunsill qabel li ghandha tigi mnedija il-kampanja informazzjoni bieb bieb permezz ta' gwardjan lokali fejn issir distribuzzjoni ta' fuljett bl-iskeda tal-gbir tal-iskart, sajf u xitwa.

3.3 Il-Kunsill qabel ukoll illi ghandha ssir attivita' bl-involviment tat-tfal tal-iskola fejn jiddahhal il-kuncett ta' innovazzjoni. Din ghandha tkun tikkonsisti f'kompetizzjoni ta' kollezzjoni ta' plastik.

3.4 Attivita' ta' tindif fi Triq San Dimitri bis-sehem tar-residenti u ghaqdiet lokali mhux governattivi.

3.5 Saret diskussjoni dwar il-problema ta' rimi ta' skart fi Triq San Pietru. Il-Kunsill qabel li fl-impenn tieghu lejn aktar indafa fil-rahal ghandha ssir laqgha mas-sidien tal-farmhouses. Il-Kunsill qabel li ghandu jimponi li dawn ghandhom jixtru bin jekk il-Kunsill biex il-Kunsill jibqa jigbor l-iskart taghhom.

3.6 Il-Kunsill iddiskuta zona ohra problematika fejn qed ikun hemm magbra ta' boroz tal-iskart li hija Triq Trux k/m Triq l-Isqof Molina. Il-Kunsill qabel li biex tissolva din il-problema ghandhom jigu stallati CCTV cameras fi Triq l-Isqof Molina, Triq San Pietru u Triq Birbuba.

**4. Applikazzjonijiet ghall-fondi taht Mizura 313 u 323.**

4.1 Dwar l-applikazzjoni ghall-fondi Rurali - Mizura 313 - giet trattata il-korrispondenza mill-MRRA fir-rigward tar-rizultat tal-applikazzjoni tal-Kunsill sottomessa f'Mejju 2009 fejn il-Kunsill gie infurmat illi din l-applikazzjoni mhix eligibbli ghal diversi ragunijiet u fejn il-Kunsill gie mgharraf ukoll bid-dritt tieghu li jappella minn din id-decizjoni. Il-Kunsill qabel unanimament illi ghandu jaghmel appell.

4.2 Rural Development Fund – Mizura 323 – Gie spjegat illi l-applikazzjoni tal-Kunsill taht il-Mizura 323 kienet maghzula ghall-finanzjament u l-Kunsill ser ikun qed jinghata finanzjament biex isir restawr fuq il-pont fi Triq Sdieri, kappella taz-Zejt u Kappella San Dimitri. Is-Sindku spjega illi l-Kunsill intalab jaghmel *down-sizing* tal-progett ghalhekk l-ammont li l-Kunsill ser ikun qed jinghata ghadu mhux ufficjali.

4.3 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-ko-finanzjament ta' dan il-progett li jammonta ghar-rata ta' 28%. Gie spjegat illi meta saret l-applikazzjoni il-Kunsill kien kiteb li ser tittiehed *bank loan* biex il-Kunsill jaghmel tajjeb ghal dan il-ko-finanzjament. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha ssir diskussjoni mal-Knisja dwar il-possibilita' li tghin fil-ko-finanzjament tal-kappelli.

4.4 Raymond Cassar ippropona illi jsir avviz ghar-residenti biex min ikun sejjer Malta jiehu l-ID card mieghu peress li Gozo Channel mhux tohrog biljetti issussidjati bil-prezz tal-Ghawdxin lil min ma jipprezentax l-ID card. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.5 Il-Kunsill iddiskuta is-sigra tal-Milied fejn gie deciz li ghandha tintalab kwotazzjoni ghal sigra sintetika peress li l-Kunsill kien qabel li m'ghandhomx jinxtraw aktar sigar naturali.

4.6 Is-Sindku ippropona illi l-Kunsill ghandu jkun ta' ghajnuna ghall-familji u jsib sponsor li jipprovdi pakkett ta' stationery lit-tfal li jattendu l-iskola primarja Gharb ghas-sena skolastika 2010-2011 u possibilment dawn ikunu maghmulin minn materjal riciklat. Il-Kunsill qabel unanimament.

**5. Fondi ghar-restawr.**

5.1 Giet trattata korrispondenza dwar Memo 21/2010 – Skema ta' Finanzjament ghar-Restawr ta' Postijiet Storici Zghar fejn il-Kunsill gie infurmat li gie moghti fondi ghar-restawr tas-Salib tal-Pjazza u zewg nicec ghall-ammont ta' €8000.

5.2 Is-Sindku ippropona li minflok ma jigu restawrati zewg nicec biss, ghandha tkun imnedija skema ta' sussidju ghar-residenti li ghandhom nicca u jixtiequ jirrestawrawha. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u ghalhekk ghandha ssir talba f'dan ir-rigward lill-board tal-ghazla.

**6. Offerti photovoltaic panels.**

6.1 Is-Sindku spjega illi l-Ing. Mario Galea ghadu ghaddej bil-hidma tieghu biex ikun jista' jipprezenta rapport dwar l-offerti mitfugha.

6.2 Is-Sindku spjega wkoll illi fil-prezent hemm skema miftuha ghall-applikazzjoni ta' fondi ewropej fejn qed tigi ppreparata applikazzjoni bil-ghajnuna tal-Meusac biex ikunu stallati pannelli mal-ground tal-football. Gie spjegat illi fi preparazzjoni ghal din l-applikazzjoni giet sottomessa l-applikazzjoni ghall-permess tal-MEPA. Gie spjegat illi l-persentagg ta' ko-finanzjament li jrid johrog il-Kunsill taht din l-iskema ghadu mhuwiex car peress li dan ivarja minhabba l-fatt li l-Kunsill ser ikollu qliegh iggenerat mill-pannelli. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jkompli ghaddej bil-hidma biex tigi sottomessa din l-applikazzjoni.

**7. Offerti ghal-lift.**

7.1 Il-Kunsill ra l-erbgha offerti li gew sottomessi minghand SS Lifts Ltd, Groffe Elevator Services Ltd, Topserv Complete Lifts u Central Trading Co. Ltd. Il-Kunsill ra li t-tenderers kollha kellhom xi affarijiet nieqsa u ghalhekk qabel li jitlob lil kulhadd jigi konformi mat-tender requirements qabel ma jibda l-evalwazzjoni.

**8. Approvazzjoni ta' hlasijiet.**

8.1 Il-Kunsill approva unanimament il-hlas tal-pagamenti elenkati fl-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

**9. Korrispondenza u materji ohra.**

9.1 Korrispondenza minghand is-Segretarjat Parlamentari ghall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Informazzjoni Pubblika fir-rigward tat-tielet Serje ta' laqghat li qieghed jaghmel l-Onorevoli Dr. Chris Said fejn qieghed jitlob sabiex issir laqgha mall-Kunsill nhar it-Tlieta 10 ta' Awwissu. Giet diskussa l-Agenda ghal din il-laqgha fejn il-Kunsill qabel li jsiru zjarat f'Wied il-Mielah, progett ta' gnien fi Triq Tumas Cassar u sit fejn isir restawr ta' nicec. Il-Kunsill qabel li jigu mistiedna il-Kumitat tal-Festa, tal-Briju, tal-Banda, tal-footbal u tal-folklore biex jiltaqghu ma Dr Said.

9.2 Giet trattata s-segwenti korrispondenza mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali:
Memo 15/2010 – Fondi Specjali ghal lokalitajiet bi bzonnijiet specjali fejn il-Kunsill gie infurmat li l-applikazzjoni fir-rigward tal-Progett ta' Centru Civiku ma gietx maghzula.
Memo 15/2010 – Fondi Specjali ghal lokalitajiet bi bzonnijiet specjali fejn il-Kunsill gie infurmat li l-applikazzjoni fir-rigward tal-Progett ta' Traffic Management ma gietx maghzula.
Memo 15/2010 – Fondi Specjali ghal lokalitajiet bi bzonnijiet specjali fejn il-Kunsill gie infurmat li l-applikazzjoni fir-rigward tal-frekwenza fil-gbir ta' skart domestiku minhabba appartamenti u farmhouses li jinkrew ma gietx maghzula.

9.3 Korrispondenza mill-Water Services Corporation fejn il-Kunsill gie mitlub jibghat il-kont skond il-lista annessa ghas-sena 2008 u 2009. Peress li l-lista ta' trenching permits fil-file tal-Kunsill hija akbar mil-lista kif mibghuta mill-WSC ghandha ssir verifika fuq il-post qabel ma jintbaghtu l-kontijiet.

9.4 Korrispondenza minghand l-Ambaxxatur Malti fi Franza Pierre Clive Agius li qed jinkoragixxi il-proposta ta' gemellagg bejn il-Kunsill ta' La Roche u dak ta' l-Gharb.

9.5 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:-
Talba ghal Informazzjoni fir-rigward ta' l-Applikazzjoni numru PA2404/09 – Knisja tal-Madonna taz-Zejt & Graveyard Complex, Triq San Pietru, Gharb.
Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp Nru: PA1928/09, PA2546/10, PA2608/10, PA2475/10, PA2420/10 & PA2693/10
Avvizi ta' Infurzar u ta' twettiq bin-numri ECF310/10, ECF308/10, ECF295/10, ECF294/10, ECF293/10, ECF292/10, ECF289/10, ECF290/10, ECF291/10, ECF311/10, ECF286/10, ECF288/10

9.6 Minghand Miller Distributors Ltd dwar servizz ta' stampar.

9.7 Mill-Kumitat Interdjocesan fir-rigward ta' ktejjeb li jinsab ghall-bejgh fir-rigward taz-Zjara tal-Papa fostna f'April 2010 ghall prezz ta' €15.00. Il-Kunsill qabel li ghandha tinxtara kopja ta' dan il-ktejjeb ghal-librerija.

9.8 Minghand Bugeja Bros (Gozo) Ltd. fir-rigward ta' l-offerta Numru 04/10 ghall-provvista ta' materjal tal-konkos, fejn qed jinfurmaw lill-Kunsill li qed jirtiraw din il-parti tat-tender mirbuha minnhom. Il-Kunsill laqa' din it-talba. Il-Kunsill qabel li peress li t-tieni l-irhas offerta kienet dik ta' Road Construction Co. Ltd. ghandu jiehu l-parir tal-Perit jekk ir-rati mitfugha humiex *fair & reasonable.*

9.9 Mill-Education, Audiovisual and Culture Executive Agency fir-rigward ta' applikazzjoni sottomessa taht il-Europe for Citizens Programme 2007-2013 fejn il-Kunsill gie infurmat li din ma gietx accettata. Gie spjegat illi din l-applikazzjoni kienet preparata minn Dconsulta ghan-nom tal-Kunsill.

9.10 Minghand Mompalao Trading Ltd fir-rigward ta' prodotti promozzjonali li jistghu jimmanufatturaw.

9.11 Mill-MRCD fir-rigward ta' prodotti tal-madum li ghandhom ghall-bejgh.

9.12 Protest Gudizzjarju minn Exclusive Developments Ltd kontra Transport Malta, Kummissarju tal-Pulizija u Sindku u Segretarju Ezekuttiv Kunsill Lokali Gharb rigward il-kwistjoni tal-hajt tar-residenza 35 fil-parti d-dejqa fi Triq Birbuba. Il-Kunsill iddiskuta l-fatt illi f'Novembru li ghadda l-Kunsill kien installa tabella imma b'xi mod din m'ghadhiex fil-post. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jghaddi dan il-protest gudizzjarju lill-avukat tal-Kunsill Mario Scerri biex jirrispondih.

9.13 Minghand Yippey fir-rigward ta' servizz ta' dizinn ghall-website.

9.14 Minghand Joe Camilleri kwotazzjoni fir-rigward ta' xohgol ta' manutenzjoni mehtieg fil-latrini fi Triq Trux ghall-prezz ta' €299. Il-Kunsill qabel unanimament li dan ix-xoghol ghandu jsir.

9.15 Mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fir-rigward tal-ftehim li sar bejn l-Assocjazzjoni u l-Water Services Corporation dwar ir-reinstatement tat-toroq fejn ikun hemm hsarat fis-servizzi tal-ilma.

9.16 Minghand ONE TV fir-rigward ta' stedina ghall-Programm Assedji li ser jittella' matul is-Sajf.

9.17 Kwotazzjoni minghand Horace Enterprises Ltd fir-rigward ta' banners bil-kulur. Il-Kunsill qabel li jitlob lil Horace Enterprises Ltd jipprezenta sample ta' din il-banner.

9.18 Korrispondenza minghand Transport Malta fir-rigward ta' approvazzjoni ta' installazzjoni ta' mera gdida fi Triq Mongur.

9.19 Minghand is-Segretarjat Parlamentari ghaz-Zghazagh u Sport fir-rigward tat-tieni edizzjoni tal-progett Kunsilli Lokali Zghazagh.

9.20 Kwestjonarju fir-rigward tal-partecipazzjoni tan-Nisa fis-Socjeta' li gie mghoddi lil Lisa Marie Brooke u Carmen Vella.

9.21 Fehim li ghandu jigi iffirmat bejn il-Kunsill Lokali u l-WasteServ Malta Ltd fir-rigward tal-*Bring-in-Sites*. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.22 Mill-PPCD fir-rigward tal-applikazzjoni ghall-progett Village Core Trial liema applikazzjoni kienet preparata minn Dconsulta ghan-nom tal-Kunsill fejn il-Kunsill gie infurmat illi din ma gietx milqugha peress li kienet sottomessa tard.

9.23 Minghand Vjaggi untours fir-rigward ta' servizzi ta' vjaggar li joffru.

9.24 Lisa Marie Brooke issuggeriet li fi Triq 29 ta' Awissu ghandhom jitwahhlu no parking signs. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba lill ADT.

9.25 Il-Kunsill iddiskuta is-safra li ser issir lejn Quadrelle Italja bejn is-26 u 31 ta' Awissu wara invit mil-lokalita' gemellata ta' Quadrelle biex l-NGO Ghaqda Dilettanti tal-karnival tiehu sehem fil-festival Arte Not li ser ikun qed jittella gewwa Quadrelle, fejn il-Kunsill qed jghin fil-logistika ta' din l-attivita'. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir laqgha ta' informazzjoni ghall-partecipanti.

9.26 Il-Kunsill iddiskuta dwar Jum l-Gharb li ser isir fil-5 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li ghandhom jintbaghtu l-ittri lill-ghaqdiet lokali biex jaghmlu n-nominazzjonijiet taghhom ghal Premju Gharb, Premju Qlub Generuzi u Premju Volontarjat Lokali.

9.27 Raymond Cassar staqsa dwar double yellow lines li sar fi Triq San Pietru. Is-Sindku spjega illi dawn saru minhabba l-loghba tradizzjonali tal-brilli li tintlaghab nhar ta' Hadd u li maghhom trid tehel tabella li tindika li ma jistax isir parkegg nhar ta' Hadd waqt il-hin tal-loghob tal-brilli. Il-Kunsill qabel unaimament.

9.28 Lisa Marie Brooke issuggeriet illi tehel mera tat-traffiku wara l-Knisja biex min ikun gej mid-direzzjoni ta' triq il-Knisja ikun jista' jara min gej mid-direzzjoni ta' Triq Trux. Il-Kunsill qabel unanimament li ssir talba lill-ADT.

9.29 Manuel Muscat staqsa dwar qtugh ta' haxix fit-toroq non urbani. Is-Sindku spjega illi inbeda ix-xoghol permezz tal-haddiema assenjati mal-Kunsill.

Il-laqgha spiccat hin 7.50pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv